KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM
GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

Minuti tal-hamsa u ghoxrin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, li nzammet nhar il-Hamis, 11 ta' Marzu 2010, fil-5.00 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Amanda Cauchi | Segretarju Ezekuttiv |

1. Talba – Wara li s-sindku qal talba, ta bidu ghal-laqgha.

2. Approvazzjoni tal-minuti:
Il-minuti gew meqjusa moqrija u, wara konsiderazzjoni gew approvati kif prezentati u ghalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

3. Korrispondenza
   3.1. MEPA - Is-sindku ddiskuta l-applikazzjonijiet ghal-zvilupp li saru mir-residenti t'Ghajnsielem mal-MEPA. Huwa wkoll gibed l-attenzjoni tal-Kunsill bin-notifiki li baghtet il-MEPA dwar xi ksur tal-kontroll tal-ippjanar min xi residenti.
   3.2. Eko-Ghawdex – Is-sindku qassam mal-kunsilliera fuljett bi stedina ghal-Konferenza fuq *"Organic Agriculture and Eco-Gozo"* li kienet ser tinzamm nhar l-Erbgha, 17 ta' Marzu, 2010. Il-kunsilliera qablu li jekk ikunu nteressati jattendu, jinformaw is-Segretaru Ezekuttiv.
   3.3. *In thy Hands* – Wasal invit mill-Parocca tal-Qala ghal attivita' li kienet ser titella fil-Knisja tal-parrocca nhar is-Sibt, 20 ta' Marzu 2010. Il-Kunsill kollu u s-segretarju ezekuttiv kienu mistiedna.

4. Ingaggar ta' impjegat (skrivan) gdid mal-Kunsill
Is-sindku qara' l-minuti tal-bord ta' l-ghazla fejn gie indikat li s-sur Godwin Azzopardi huwa l-ahjar ghazla ghal-Kunsill Lokali Ghajnsielem. Il-kunsill qabel li jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-bord u l-ewwel gurnata ta' l-impjieg tas-Sur Azzopardi tkun fl-1 ta' April, 2010. Kemm il-darba, s-Sur Azzopardi ma jaccettax l-impjieg, jigi maghzul min gie fit-tieni post.

11, Dar Bernardina, Pjazza tad-Dehra, Ghajnsielem. Gsm 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

5. Snooker
Is-Sur Larry Buttigieg qieghed jiehu hsieb l-organizzajoni ta' l-*snooker tournament* li l-Kunsill qieghed jorganizza bi shab mal-Kazin tal-Futboll. Huwa ressaq stima ta' xiri tat-*trophies* li ma jaqbisx l-ammont ta' 330 euros. Il-Kunsill qabel li dawn jinxtraw u jigu pprezentati mis-sindku lir-rebbiegh/a ta' dan it-*tournament.* Is-Sur Stephen Mercieca ppropona biex jitranga il-*pitch* tal-bocci. Is-sindku zvela li darba kien hemm hsieb minnu, fil-bidu tat-twaqqif tal-Kunsill li jsir dan il-*pitch* mal-progett 'Ta' Passi,' pero dan kien hsieb biss. Il-kunsill qabel li jara jistax isir xi xoghol zghir fuq dan il-pitch peress li dan prezentament qieghed fuq art privata.

6. Laqgha tas-Sindki tal-Kumitat Ghawdex
Is-sindku ta rendikont ta' din il-laqgha fejn id-diskuzzjoni kienet fuq l-kuntratt ta' l-skart separat. Huwa qal li bazikament, kemm il-Green MT u kemm il-Green Pak offrew pakkett kwazi ta' l-istess beneficcji. Il-Green MT qeghda tofri li jekk il-Kunsill jaghmel propaganda biex ir-residenti jzidu aktar skart separat, il-kumpanija lesta li tghaddi ammont ta' flus lil-Kunsill kif ukoll izzid il-Bring In-Sites u taghti boroz b'xejn lill-kull familja. Is-Sindku zvela li fil-laqgha kien hemm hdax il-kunsill li qablu li jaghzlu l-kumpanija tal-Green MT. Il-Kunsill qabel wkoll li l-Kunsill t'Ghajnsielem jaghzel lill-Green M.T peress li din kienet qed tofri ammont ta' flus barra l-beneficcji l-ohra kollha. Is-Sur Joe Camilleri ppropona li jkun hemm laqghat ta' tahrig biex nedukaw ir-residenti. Fuq dan il-punt is-Sindku wiegeb li l-kumpanija stess kienet ser titlob lill-Kunsill biex taghmel laghqat mar-residenti u tal-hwienet kollha tar-rahal fuq dan is-suggett. Is-Sur Stephen Mercieca ssugerrixxa li jitwahhlu *billboards* li juru l-importanza ta' separazzjoni.

7. *Refuse Tender*
Is-sindku stqarr li qeghin isiru laqghat bejn il-Kunsill t'Ghajnsielem, il-Kunsill tal-Qala u l-Kunsill tan-Nadur biex issir diskussjoni kif l-ahjar li nohorgu t-*tender.* Il-Kunsill lahaq ftehim li fiz-zmienijiet tax-Xitwa, l-skart domestiku jingabar erbgha darbiet, fil-granet tat-Tnejn, l-Erbgha, il-Gimgha u s-Sibt filwaqt li jkun hemm gbir ta' skart separat biss, it-Tlieta u l-Hamis. Il-Kunsill ddecieda wkoll li fis-sajf tista tizdied gurnata ohra ta' skart organiku (il-Hamis) jekk ikun hemm il-htiega. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk tkun aktar vijabbli u efficjenti, t-tender ta' l-skart organiku tinhareg mil-Kunsill t'Ghajnsielem wahdu. Is-Sindku qal li t-tlitt Kunsill kienu ser jergghu jiltaghqu

wara li jkun gabru aktar informazzjoni u jiddeciedu jekk tohrog tender wahda flimkien jew tender separata kull Kunsill.

8. L-izvilupp ta' L-Mgarr Hotel
   Is-sindku ssugerrixxa li jinfetah *file* biex jinzammu records tal-hsarat li qed issiru fuq din l-area b'dan l-izvilupp. B'hekk din il-hsara tkun tista tigi rraportata lill-MEPA meta l-Kunsill jitlob biex jinghata l-fondi li l-applikant kien gie obligat li jhallas fuq bond mil-MEPA biex isir xoghol gdid fuq toroq u xoghol iehor ta' embelishment madwar l-area kolla.

9. Triq Cordina
   Is-sindku qal li hu kien ser ikellem lill-ufficjal tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet f'Ghawdex biex isir survey u livelli ta' din it-triq sabiex ikun jista jsir studju tajjeb ta' kif l-ahjar isir l-ippjanar ta' din it-triq biex ikun jista jibda x-xoghol ta' manutenzjoni fuq din it-triq. Is-sindku talab lis-segretarju ezekuttiv biex tinkiteb ittra lill-Ministru ghal-Ghawdex bhala tfakkira ohra fejn titlob li din it-triq issir bit-tarmac li hi tant mehtiega biex tkun ta' alternattiva ghal-Triq Mgarr meta jkun hemm xi incidenti w attivitajiet ohra specjalment fil-festa.

10. Laqgha tas-sindki
   Is-Sur Stephen Mercieca attenda ghal din il-laqgha, fejn stqarr li wahda mid-diskuzzjonijiet ta' din il-laqgha kienet fuq il-faqar li jinsab fl-irhula Maltin. Is-Sindku nforma lis-sur Mercieca biex jekk hu possibli jaghti aktar informazzjoni ta' xiex gie diskuss f'din il-laghqa tas-Sindki.

11. Festa Frawli
   Is-Sur Mercieca stqarr li jixtieq li jorganizza coach biex jiehu lir-residenti t'Ghajnsielem ghal-din il-Festa Frawli li tittella' l-Imgarr, Malta, nhar il-11 t'April. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni ghal din l-ideja.

12. Mistoqsijiet mis-Sur Joseph Camilleri
   i. L-stat ta' l-applikazzjoni ta' fondi fuq l-Ghajn tal-Hasselin. Is-Sindku zvela li l-kunsill ghadu ma rcieva l-ebda risposta fuq dawn il-fondi u x'aktarx li r-risposta jekk jigux approvati dawn il-fondi mill-Ewropa kienet ser tinghata fix-xahar ta' Mejju. Is-sur Camilleri ssugerrixa li nkelmu lil- ex-arcipriet t'Ghajnsielem biex jaghmel mudell ta' din l-Ghajn biex jinzamm fil-Kunsill.

ii. Road Hump fit-Triq Hamri. Is-sindku qal li din l-speed hump ser terga titwahhal mis-Sur Edwin Ciantar, wara li jsir ir-rapport fuq it-Triq min ghand il-perit Edward Xerri.
iii. Refletturi fit-Triq Sant' Antnin. Is-sindku assigura li dawn ser jergghu jitwahhlu, izda xorta talab lis-segretarju ezekuttiv biex tibat *e-mail* lil-enginiera ta' l-Enemalta.
iv. Pjazza Tolfa. Is-Sur Camillieri gibet l-attenzjoni li d-dwal ta' din il-pjazza qeghdin jinxtelu l-gurnata kollha.
v. Pjazza tad-Dehra. Is-Sur Camilleri stqarr li hemm zewg fanali jixghelu l-gurnata kollha. Huwa ta l-opinjoni li jinbidlu dawn il-fanali. Il-Kunsill qabel mas-Sur Camilleri li dawn il-fanali jinbidlu.

13. Suggerimenti mis-Sur Larry Buttigieg
   i. Nixtru bozza *solar* biex titwahhal fit-Triq Wied Martin peress li ma hemmx dawl fit-triq. B'hekk il-Kunsill kien ser jiffranka l-flus peress li din kienet ser tqum hafna jekk tigi nstallata mill-Enemalta. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.
   ii. Titwitta t-Triq ta' San Martin bil-gaffa biex tkun aktar accessibli. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.
   iii. Isir railing mal-bankina fil-kantuniera ta' Triq Simerat ma Triq Wied ir-Rajjes biex nevitaw aktar incidenti.
14. Belvedere ta' Triq Hamri.

Is-Sindku stqarr li l-belvedere qatt ma gie *devoluted* lil-Kunsill, u sahansitra l-knis fuqu jsir mil-haddiema tal-*Public Cleansing*. Il-kwistjoni li nqalet rigward l-izvilupp tal-Grand Hotel hija kwistjoni bejn il-Lands Department u l-izvilippatur tal-Grand Hotel. Il-Kunsill kien qed jaghmel il-parti tieghu billi kull ilment li kien qed jircievi fuq il-Belvedere kien qed jghaddih lill-Perit Stephen Scotto mill-*Government Property Division* biex dan ikun jista jiccekkja fuq il-post jekk kienx qed isir xi zvilupp tal-lukanda fuq l-art tal-Belvedere. Il-Mepa ma tindahalx fuq din il-haga, izda tindahal biss jekk kemm il-darba l-applikant ma jkunx miexi skond il-pjanti. Rigward ir-rampa li kien hemm fil-belvedere, is-Sindku qal li hekk kif jitlesta il-bini tal-lukanda, is-sid ta' l-istess lukanda kien ser jaghmel ir-rampa kif kienet originarjament inkluz il-madum u t-twahhil tal-plakka u xoghol iehor li jista jigi rikjest.

*15. Quotations*

Is-Sindku stqarr li tul ix-xahar li ghadda inhargu numru ta' *quotations* fuq fanali, bankijiet, *flower pots, bins,* installazzjoni ta' *metal railing,* u tpoggih ta' madum. Is-Sindku wera l-*quotation* ta' kull min applika, bir-rittratti u l-prezz.

- Offerta ta' tqieghed ta' madum ghal-bankina ta' madwar il-*playing field* Amabile Cauchi, giet mitfuha mis-Sur Mario Bugeja biss, u l-Kunsill qabel li dan ix-xoghol ghandu jinghata lilu.
- L-offerta biex jinhadem u jigi nstallat *railing* tal-hadid fit-Triq Anglu Grech, Pjazza tad-Dehra, Pjazza Indipendenza u Pjazza Madonna ta' Loreto intefghet mis Sur Edwin Ciantar biss, u l-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni li ma jinghatax lilu x-xoghol.

Peress li l-offerti ta' fanali, bankijiet, *flower pots u bins* applikaw hafna aktar min wiehed, il-Kunsill iddecieda li jsir aktar sudju fuq x'jintghazel wara li l-kunsill ikun jaf kemm ser jiehu fondi mill-*Urban Improvement Fund,* li propju ser jintuza ghal-dawn ix-xiri t' affarijiet.

Il-laqgha ntemmet fis-6.00pm. Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill, nhar il-Hamis, 15 t'April 2010, fil-5.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Cauchi
Segretarju Ezekuttiv